# MINUTI

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 57

**19 ta' Lulju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**
**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**
**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

### 57.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

57.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Viċi Sindku Oriana Calleja li ma settetx tattendi għal-laqgħa minħabba raguni ta' xogħol.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

57.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

### 57.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

57.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Ronald Portelli issekondat.

### 57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

57.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li kelmitu l-Ambaxxatur tal-Grecja fejn infurmatu li t-tifel tagħha ser jikkontesta għall-ellezjoni tal-kunsilli ġewwa Grecja u weghditu li hekk jilhaq Sindku tkellmu biex jippjanaw ġemellaġġ

### 57.5 Connecting Through Culture;

57.5.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-attivita' kienet ta' suċċess iżda għal sena oħra ma kelnix sound tajjeb.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa ukoll li għal sena oħra għandna nistiednu s-Sindku ta' Racco Santo Stefano.

Il-Kunsill qabel.

57.5.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qablet mal-Kunsillier Eugenio Muscat u ga Infurmat lill-organizzatur biex għal sena oħra jieħu ħsieba u jara li jitranġa u jippruvaw id-diski qabel ma nibdew l-attivita'.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li huwa importanti ħafna li għal sena oħra inkunu ċerti li nisimgħu d-diska tal-performance tal-ambaxxata tal-Palestina biex inkunu fiċ-ċert li ma jkunux qed jagħddu messaġġi kontra pajjiżi oħra minħabba l-gwerra li għaddejien minnhom.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li location tal-attivita' għoġobha iżda xorta waħda li d-darba li jmiss tixtieq li nippruvaw nagħmlu fil-carpark fejn fil-għnub tal-istage npoġġu tal-artigjanar u faċċata jkun hemm l-gazebos u quddiem

l-istage ikun hemm spazju biżżejjed biex in-nies ikunu jistgħu joħorgu jisfnu.

Hija qalet ukoll li għal sena oħra li hekk ngibu fondi biżżejjed għal din l-attivita' għandna nikkunsidraw ukoll li nagħmluha fuq jumejn.

57.5.3 Is-Sindku Max Zammit irringrazja lill-kulħadd għal ħidma li kulħadd ta' biex din l-attivita' tkun ta' suċċess fi żmien daqshekk qasir. Izda huwa qal li għalkemm huwa jaqbel li għanda nergu nagħmluha fil-car park qiegħed xettiku minħabba li din is-sena ħarġet tajba ħafna.

57.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament li l-attivita' kienet ta' suċċess u l-Ambaxxatti kollha kienu sodisfatti.

## 57.6 Festa Rizzi;

57.6.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-unika mod li festa rizzi tista ssir billi ninmpurtaw ir-rizzi iżda fl-opinjoni tiegħu kif gew l-affarijiet m'għandniex nagħmluha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 57.7 Il-bajja ta' Ta' Xbiex;

57.7.1 Is-Sindku qal li konna ġibna permess mill-Awtorita' tal-ippjanar biex issiru passaggi biex in-nies bi bżonnijiet speċjali ikun hemm accessibilita' mill-promenade għal fuq il-blat.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuggerriexa li għandna napplikaw ukoll biex issiru passaggi ukoll li jagħtu għall-baħar. Izda s-Sindku qal li kellem 3 periti differenti u kollha qalulu li ma jistgħux jsiru minħabba li hemm livelli differenti. Il-Kunsillier Eugenio Muscat baqa jsostni li dawn il-passaggi jistgħu jsiru bħal ma saru f'lokalitajiet oħra. Għaldaqstant il-Kunsillier Eugenio Muscat se jkun qed jieħu parir minn Perit ieħor.

Is-Sindku fl-immedjat talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tfittex l-permess li konna tlabna u hekk huwa skadut għandna naghmlu talba biex jiġi mġedded.

## 57.8 Progetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Regjonali Lvant għas-sena 2023;

57.8.1 Is-Sindku spjega li dawn huma l-istess fondi bħal ma kienu nħargu s-sena l-oħra fejn għandna madwar €35,000. Huwa qal li dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-attivitajiet u tiżjin tal-Milied. Hemm skema oħra fejn irridu nagħmlu attività tal-isports li diġà tkellimna li ser nagħmlu competition tal-futsal bejn il-lokalitajiet ta' Ta' Xbiex, Swieqi, Pembroke u team barrani u ssir tazza Regjonali.

## 57.9 Tender – Upkeep and Maintenance services of parks, gardens and Soft areas in an environmentally friendly manner;

57.9.1 Is-Sindku qal li biex ma jerġax jigrilna bħas-snin ta' qabel. Is-Sindku jissuġġerixxi li għandna naqsmu Ta' Xbiex f'zewg partijiet u jkollna 2 kuntratturi

differenti u jiehdu hsieb area wahda. Rigward tisqija jkollna kuntrattur iehor apparti. B'dan il-mod il-Kunsill ikun qed jiehu servizz ahjar u xorta wahda jkun qed jimxi mal-procurement tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li avvicinah persuna li jixtieq jaghmel dan it-tip ta' xoghol fil-lokalita' taghna u ser jkun qed jitolbu kwotazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.10 SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri U Organizzati;**

57.10.1 gimgha Il-Kunsill qabel unanimament li peress li din l-applikazzjoni se taghlaq il-diehla m'ghandniex żmien biżżejjed biex napplikaw.

**57.11 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv;**

57.11.1 Deputat Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li rciviet e-mail minghand l-Assistent Ufficjal Principali Anna Micallef fejn qalet li trid tirriżenja minn Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sindku żied jghid li wara ftit ġimghat huwa rċieva ukoll ir-rizenja tas-Segretarju Ezekuttiv Yasmine Tonna fil-11 ta' Lulju ghaldaqstant hemm bżonn li nsibu Deputat Segretarju Ezekuttiv fl-immedjat.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li fl-immedjat ghandhom mmorru jkellmu zewg segretarji eżekuttivi li ghandhom fiduċja fihom u hekk xi hadd minnhom jaccetta ser jkunu qed jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv fl-immedjat biex tinforma lid-dipartiment.

**57.12 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv;**

57.12.1 Is-Sindku qal li rċieva r-rezenja tas-Segretarju Ezekuttiv u infurmatu li ghandha xahar notice u l-ahhar ġurnata tax-xoghol taghha hija l-Gimgha 11 t'Awwissu. Izda l-ahhar ġurnata tal-hidma taghha ser tkun nhar il-Gimgha 21 ta' Lulju Minhabba li fadlilha vacation leave.

Is-Sindku qal li bhal ma diġà ddiskutejna rridu nsibu Deputat Segretarju Ezekuttiv fl-immedjat biex umbad huwa jkun jista johrog il-call ghal-Segretarju Ezekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**57.13 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

57.13.1 Il-Kunsillier Ronnie Portelli saqsa rigward dik is-sigra li kelna naghmlu fi triq

Abate Rigord c/w Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija kienet iltaqet ma kuntrattur infurmaha li hija impossibbli li ssir minhabba li hemm hafna wiring ghaddejien minn taht il-bankina.

Ghaldaqstant il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ssuggerriet li naghmlu pot u nizraw shrub.

Il-Kunsill qabel unanimament.

57.13.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet rigward is-sigra li hemm fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku qal li huwa kellem lill-Kuntrattur u qallu li ghalkemm pruvaw jsalvawa din xorta wahda sfortunatament mietet. Il-kuntrattur infurmah li biex titnehha ser ikun hemm spiża zghira.

Il-Kunsill qabel unanimament u gie deċiż li nhawlu siġra ohra.

## 57.14 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

57.14.1 Ma kinx hemm.

## 57.15 Rapporti mill-Kunsilliera;

57.15.1 Il-Kunsillier Ronald Portelli ghadda mozzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv fit-12 ta' Lulju fejn qed jissuġġerixxi lill-Kunsill li jitnehhew il-pots li hemm fit-Triq George Mitrovich minhabba li huma mimlijien bil-hmieg tal-annimali u qed ihallu riha qawwija li qed iddejjaq lir-residenti. Il-Kunsill qabel.

57.15.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti flimkien mal-Kunsillier Eugenio Muscat u s-Sindku Max Zammit rrapurtaw li t-tisqija mhux qed issir sewwa u apparti hekk qed inhalsu hafna flus u xorta wahda mhux kuntenti bis-servizz.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssuggerrixxa li ghandna ngibu aktar kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel.

57.15.3 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti u Eugenio Muscat qallu li qed ikun hemm il-bring in sites mimlijien u qed jdumu biex jiġu mbattla.

## 57.16 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 19 ta' Lulju fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum l-Erbgha 19 ta' Lulju, 2023.

**Max Zammit**
**Sindku**

f/ **Yasmine Tonna**
**Segretarju Ezekuttiv**
Kurt Guillaumier